MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Mandat Numru. 569/2014/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 569/2014 fl-ismijiet: -**

**Av. Antonio Ghio noe**

**vs**

**DMD Autoparts et**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors imressaq mir-rikorrent Daniel Zerafa *ai termini* ta' l-artikolu 836(1)(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-21 ta' April 2014 li bih talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet hemm imsemmija din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' deskrizzjonijiet premess billi ma jissussistix element essenzjali ghall-hrug tieghu.

Rat id-Digriet taghha tat-23 ta' April 2014 fejn laqghet it-talba sabiex jinstema' bl-urgenza u appuntat l-istess ghad-29 ta' April 2014 fl-10.15 ta' filghodu bin-notifika tal-kontroparti li kellu jwiegeb sad-differiment moghti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta tal-intimat ezekutantipprezentat fit-28 ta' April 2014..

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' April 2014 fejn, meta ssejjah ir-rikors dehru Andrew Delaney ghas-socjeta *Mobis Parts Europe N.V.* assistit minn Dr. Kenneth Grima u Dr. Antonio Ghio, u r-rikorrent odjern Daniel Zerafa assitit minn Dr. Louis Degabriele u Dr. Sharon Azzopardi fejn ir-rikors gie differit ghat-13 ta' Mejju 2014 fl-10.00 ta' filghodu.Fl-udjenza giet ordnata l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 569/14.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Kenneth Grima u Dr Antonio Ghio ghas-socjeta` rikorrenti Mobis Parts. Deher Dr Daniel Zerafa in rapprezentanza tas-socjeta` intimata, assistit minn Dr Louis Degabriele u Dr Sharon Azzopardi. Rifferibbilment ghar-rikors tal-intimati tad-9 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent odjern ta ruhu b'notifikat u ghandu jwiegeb ghall-istess. L-istess intimat iddikjara li ser iwiegeb verbalment fit-trattazzjoni tieghu llum stess, u m'ghandux il-htiega li jwiegeb bil-miktub. Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors tad-9 ta' Mejju 2014. Il-Qorti, *in visto* tas-sottomissjoni li l-intimat m'ghandux l-opportunita` li jaghmel kontro-ezami ta' Andrew Delaney fuq l-affidavit esebit bhala Dok "MOBD 1", il-Qorti, qed tilqa' t-talba izda limitatament ghal dan id-dokument u ordnat l-isfilz tad-dokument "MOBD 1" mill-atti odjerni. Trattazzjoni ta' Dr Louis Degabriele, registrata fuq is-sistema eletronika. Trattazzjoni ta' Dr Kenneth Grima, registrata fuq is-sistema eletronika. Trattazzjoni ta' Dr Antonio Ghio, registrata fuq is-sistema eletronika. Replika ta' Dr Louis Degabriele, registrata fuq is-sistema eletronika. Kontro-replika ta' Dr Kenneth Grima, registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors estensivament, li gie differit ghal digriet kamerali.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka ta' mandat ta' deskrizzjoni kawtelatorju li nhareg kontrih fl-ismijiet "***Av Antonio Ghio bhala mandatarju specjali ta' Mobis Parts Europe N.V./Cars International - DMD Autoparts u Daniel Zerafa"*** *fl-14 ta' April 2014 (Nru. 569/14 LSO)*. L-oggett tal-Mandat hu "*1. Kull prodott jew ippakkettar tal-prodotti kontenenti l-markji in kwistjoni li jinsabu fil-post*

*uzat minn DMD Autoparts u cioe` f' 6 Triq l-Imdina, Zebbug; u 2. Il-lista ta' prodotti kif kontenut f'inventarju fil-computers fis-sit ta' DMD Autoparts sabiex ikun accertat illi l-lista ta' prodotti li jinsabu fizikament fis-sit, u elenkati mill-Marrixxal tal-Qorti, ikun ekwivalenti mal-inventarju ta' prodotti li huma disponibbli ghand DMD Autoparts."*

Il-mandat intalab sabiex jigu kkawtelati l-jeddijiet tas-socjeta` ezekutanti bhala distributur esklussiv ta' *parts* u accessorji tad-ditti Hyundai u Kia fis-suq Ewropew inkluz Malta kif ukoll bhala rapprezentant tas-socjetajiet Koreani Hyundai Motor.Co.Ltd u Kia Motors Corp.Ltd, li huma proprjetarji tal-imsemmija markji, li huma registrati bhala *word mark* u bhala *logo* mad-dinja kollha, inkluz Malta. Skont kif jirrizulta mir-rikors promotur ghall-hrug tal-Mandat imsemmi, r-rikorrent odjern Daniel Zerafa qed jimporta u jispacca fis-suq lokali prodotti konsistenti f'*spare parts* ta' vetturi Kia u Hyundai, "*liema parts igibu fuqhom u fuq l-ippakkettar taghhom, minghajr awtorizzazzjoni ta' sid id-drittijiet, il-markji riprodotti b'mod identiku jew simili ghall-markju originali appartenenti lis-socjetajiet b'dan li qed iqarrqu bil-konsumatur."* Dan kollu bi ksur tad-drittijiet ta' proprjeta intellettwali fosthom ta' *trade marks.*

Ir-ragunijiet imressqa llum mir-rikorrent odjern ghat-thassir tal-Mandat huwa li l-pretensjoni tal-*Mobis* mhix fuq l-*ispare parts* li qed ibiegh imma tirrigwarda l-uzu tat-*trademarks* ta' Hyundai u ta' Kia mill-istess rikorrent minghajr il-permess tal-proprjetarji tal-markji. Is-socjeta` *Mobis* b'hekk mhiex qed tallega li ghandha xi jedd fuq l-oggetti, ossia *spare parts* in vendita, imma li r-rikorrent odjern ma jkunx jista' jaghmel iktar uzu mit-*trademarks* Hyundai u Kia u r-rimedju appositu huwa mandat ta' inibizzjoni milli dak odjern. Ir-rikorrent jistrieh fuq it-test tal-artikou 839 tal-Kap 12 li jghid hekk:

***"839.** Il-mandat ta’ deskrizzjoni jista’ jinħareġ biex iqiegħed fiż-żgur jedd fuq ħwejjeġ mobbli, li, sabiex dak il-jedd jista’ jiġi eżerċitat, ir-rikorrent ikollu interess li dawk il-ħwejjeġ mobbli jibqgħu fil-lok u fl-istat li fih ikunu jinsabu."*

Isostni li sabiex jinhareg mandat simili l-kreditur odjern ried li jkollu jedd fuq il-*parts* infushom li mhuwiex il-kaz u b'hekk jonqos wiehed mill-elementi essenzjali ghall-hrug tal-mandat imsemmi.

Isostni wkoll li l-uzu tal-procedura tal-mandat ta' inibizzjoni mill-*Mobis* sabiex jottjeni inventarju *ai fini* ta' prova fi proceduri kontenzjuzi jikkostitwixxi abbuz tal-procedura u m'ghandux jigi permess.

L-intimat odjern jilqa' ghal din it-talba billi jghid li talab il-hrug tal-mandat imsemmi sabiex ikun jista' jezercita l-jeddijiet tieghu fuq l-oggetti mobbli milquta, inkluzi dawk il-jeddijiet mahsuba fl-**Att Dwar it-Trademarks - Kapitlu 416** u **L-Att li Jirregola l-Infurzar tad-Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali - Kap 488** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu x'ghandu jsir minn kull oggett li jkun spaccar kontra l-provvedimenti ta' dawn l-istess ligijiet - senjatament l-**artikolu 19** tal-Kap.416 u **l-Artikolu 9** tal-Kap.488. Ghal dan il-ghan l-oggetti ghandhom jibqghu fil-lok u fl-istat li jkunu jinsabu. *Inoltre* jsostni li hu assolutament zbaljat fid-dritt li wiehed jipprova jissepara t-*trademarks* mill-prodotti nfushom. Il-markju jinsab mhux biss rapprezentat fuq l-ipakkettar tal-prodott imma huwa riprodott fuq il-prodott innifsu u dan sabiex l-istess prodotti jingharfu mill-konsumatur.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt</u>

**Ikkonsidrat** li min iressaq talba *a tenur* tal-artikolu **836 (1) tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* ta' att kawtelatorju, hu obbligat li jsostni t-talba tieghu skont xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati fil-paragrafi (a) sa (f) tal-istess **Artikolu 836(1**).

Hu pacifiku li l-ezami li trid taghmel il-Qorti hu dak biss ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza bejn il-partijiet. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, tenut kont li *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari li ghadha qieghda tistenna l-ezitu finali tal-kawza dwar il-mertu. (Ara s-sentenza fl-ismijiet "***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut"*** datata 5 ta' Ġunju 2003 kif ukoll PA (RCP) – deciza fis-7.2.2001 fil-kawza fl-ismijiet "***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***.")

Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex mehtieg li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalghu bejn il-partijiet, liema ezercizzju huwa mholli meta din il-Qorti tisma' l-kawza fil-waqt xieraq. Hu ovvju li l-intimat, la darba ottjena l-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni, ghandu jassumi r-responsabbiltajiet kollha u l-konsekwenzi kollha skont il-ligi anke fil-konfront tal-rikorrent odjern. F'dawn il-proceduri huwa r-rikorrent li ghandu jipprova "*prima facie*" li l-att kawtelatorju in kwestjoni m'ghandux jinzamm fis-sehh u dan a bazi ta' dawk ir-ragunijiet li huma specifikati fil-ligi u li gew indikati mir-rikorrent.

Ir-raguni ghar-revoka *in toto* jew *in parte* ta' mandat kawtelatorju stabbilit fis-subartikolu **836(1)(b)** hija hekk imfissra:-

*"(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti."*

Izda kontrarjament ghal dak sottomess mir-rikorrent odjern, din id-dispożizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li:-

(a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat;

(b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt,

(ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu; u

(d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu.

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li taħt din il-kawżali l-ilment tal-ezekutat mhuwiex indirizzat lejn ebda wiehed minn dawn ir-ragunijiet.

Fi kliem id-dispozizzjoni in ezami, r-raguni li ghaliha mandat kawtelatorju

jitnehha, kollu jew in parti, hija biss jekk ikun hemm xi bdil fic-cirkostanzi bejn il-waqt li jkun inhareg il-Mandat u z-zmien meta ssir it-talba ghat-thassir tieghu. "*Fi kliem iehor, din il-Qorti tifhem li l-kawzali mahsuba fil-paragrafu (**b) tal-artikolu 836(1)** trid li mandat ikun inhareg sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-sehh*"[1]. Fil-kaz odjern, bl-ebda mod ma ntwera li kien hemm xi bidla fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-mandat. Ghall-kuntrarju, l-argument tar-rikorrent jimplika li qatt ma messu nhareg il-Mandat imsemmi fuq l-oggetti u l-ipakkettar taghhom peress li mhuwiex previst *ai termini* tal-artikolu 839 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, ghalhekk, il-Qorti ma ssibx li tista' tilqa' t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawzali.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi **tichad** it-talbiet tar-rikorrent odjern Daniel Zerafa imressqa bir-rikors tal-21 ta' April 2014 *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura a karigu tal-istess Daniel Zerafa.

[1] ***"Therese Mangion Galea v Desmond Stanley Stewart"****P.A.JRM - dec. fid-29.7.2005.*

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------